# PROFIL TAL-BEATU NAZJU FALZON



Nazju Falzon twieled ukoll fil-Belt Valletta fl-1813 mill-avukat Ġużeppi Falzon u Maria Tereża Debono. Dawk li kitbulna dwar ħajtu jgħidulna li sa minn meta kien għadu tifel żgħir, Nazju dejjem ħa t-tagħlim tad-duttrina nisranija bl-akbar serjetà. Ta' 15-il sena d-deċiżjoni ta' ħajtu kien ħadha. Ġie ordnat kjeriku fil-Knisja tal-Ġiżwiti u tliet snin wara rċieva l-Ordnijiet Minuri. Biex temm ix-xewqa ta' qrabatu u jżomm it-tradizzjoni tal-familja, t'20 sena laħaq avukat, għalkemm qatt ma kellu f'moħħu li jipprattika din il-professjoni. Ħafna ħasbu li Nazju kien se jkompli t-triq għas-saċerdozju, iżda Nazju bħall-fqajjar Franġisku t'Assisi ma' ħassux dehen ta' grad hekk għoli. Għażel li jaħdem għall-glorja t'Alla bħala sempliċi kjeriku. Ħabb il-fqar daqs li kieku kien wieħed minnhom u ġidu kollu għaddieh lilhom. Kien bniedem ta' penitenza qawwija u ċaħda kontinwa f'familja sinjura fejn ma kien jonqsu xejn. Saħansitra kien anke jxidd fuqu ilbies qadim biex ikun eqreb lejn il-foqra li tant kien iħobb. Nazju Falzon kien il-personifikazzjoni ta' l-umilta'. Kien sikwit itenni li t-tajjeb li hemm fih kollu tahulu Alla u li hu kien midneb bla ħila.

L-imħabba tiegħu lejn it-tagħlim tad-duttrina u l-umilta' li biha kien imżejjen ġegħluh jiftaħ il-bibien ta' daru u fiha jilqa' lil dawk li kienu bil-għatx għat-tagħlim. F'daru ġieli laqa' mitt suldat biex ilibbishom bl-ilbies sabiħ tal-Fidi Nisranija. Kien meta ra li daru kienet saret żgħira wisq għal dawk in-nies, li beda jgħallem fil-knisja tal-Ġiżwiti.

Nazju Falzon jgħallimna l-virtu' tad-distakk mill-ġid materjali u mhux iċ-ċaħda tiegħu. Jgħallimna l-użu tajjeb tal-flus bħala mezz ta' għajnuna għall-fqir, il-batut u l-emarġinat, l-istess bħal Kristu li ma ddejjaqx jiekol mal-pubblikani u mal-midinbin għax hu stess qalilna, dawk kienu l-aktar li jeħtiġuh. Nitolbuh lil Nazju Falzon biex ikattar fina l-karita' u biex dak li jkollna nagħrfu naqsmuh ma' ħaddieħor.